**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz: 706/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Clayton Camilleri)**

**vs.**

**Ryan Agius**

**Jake Fenech**

**Joshua Alexander Taliana**

Illum l-4 ta' Gunju 2021

Il Qorti:

Lil Ryan Agius ta' 24 sena iben Gordon u Vanessa xebba Mifsud, imwield Pieta' nhar it-18 ta' Awwissu 1995, u resident BLK A1, Fl2, Triq tal-Fuklar, Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 357295M

Lil Jake Fenech ta' 21 sena iben Gregory u Sharon Xebba Calleja, imwieled Pieta' nhar it-2 ta' Jannar 1999 u residneti 154, Bohemia BLDG, FL 3, Vjal l-Indipendenza, Mosta, detentur tal-krata tal-idenitita numru 5599M

Lil Joshua Alexander Taliana ta' 20 sean iben Alexander u Lucia xebba Mallia, imwieled Pieta' nhar it-23 ta' Settembru 1999, u residneti BLK B4, FL 4, Triq id-Dawr, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 326099M

Nakkuzhom talli nhar it-2 ta' Lulju 2020, ghal habta tal-17:15 ta' wara nofisnhar, gewwa il-Gnien Tal-Gharusa tal-Mosta fi Triq Misrah Ghonoq, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' Raoul Vassallo f'periklu car, ikkagunalhu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura garavi, hekk kif iccertifikat minn Dr Klaudia Karolina Katfoni nru mediku 4437 bi ksur tal-Artikolu 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorit hija mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lil hati ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluz dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta ai termini tal-Artikolu 533 et sequitor tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorit hija wkoll mitluba sabiex, tipprovdi gahs-sigurta' ta' l-imsemmi Raymond Buhagiar u tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tohrog ordni ta' protezzjoni that dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa. #

Rat li fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2021 l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata u bla riservi ghall-imputazzjonijet dedotti kontrihom, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputati wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathom u wissiethom solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsultaw ma' l-avukat ta' fiducja taghhom barra l-awla u jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha.

Rat li l-imputati regghu tennew u kkonfermaw l-ammissjoni inkondizzjonata taghhom.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputati il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputati.

Il-Qorti ma tqisx illi hemm raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex tiddubita li nonostante l-ammissjoni taghhom, l-imputati effettivament mhumiex ħatja tar-reati addebitati lilhom. Il-Qorti tqis, għalhekk, li l-akkuzi huma sodisfacjentement ippruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw finalment fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2021.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-incident sehh meta l-imputati maru l-Gnien l-Gharusa tal-Mosta nhar it-2 ta' Lulju 2020 u taw xeba lil Raoul Vassallo bil-konsegwenza li sofra griehi gravi.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- L-imputati ammettew ghal-imputazzjonijiet kollha minghajr riserva fl-ewwel udjenza u fl-iktar stadju bikri tal-proceduri. Ghalhekk il-Qorti qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hatja jammettu l-htijiet taghhom u b'hekk jiffrankaw hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja.

  Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[1], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[2], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[3] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[4]

  Ghalhekk din l-ammissjoni ghandha tigi meqjusa bhala attenwanti.

- Rat il-fedina penali netta ta' l-imputati[5] li filwaqt li jinsabu sentenzi registrati ma jirrizultax li hija wahda refrattarja.

- Semghet lill-ufficjal prosekutur itenni li mhux qed jinsisti fuq piena karcerarja izda jemmen li f'dan il-kaz piena alternattiva ghandha tkun meqjusa bhala wahda adekwata ghac-cirkostanzi tal-kaz. F'dan ir-

[1] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[2] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[3] Thomson Reuteurs, S-29
[4] Blackstone Press Limited – 2006 edition
[5] Folio 5 -9 ta' l-atti processwali

rigward il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tikkunsidra sentenza sospiza bhala piena idoneja.

- Semghet id-difiza tabbraccja dak kollu li stqarr il-prosekuzzjoni inkluz li din il-Qorti, fic-cirkostanzi ghandha tikkunsidra piena alternattiva ta' sentenza sospiza bhala wahda adegwata.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216, 533, 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni taghhom stess, issib lil Ryan Agius, Jake Fenech u Joshua Alexander Taliana **hatja** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom u tikkundannah, kull wiehed individwalment, piena ta' sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin millum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabbilita' taghhom taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huma jikkommettu, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-hatja a favur ta' Raoul Vassallo ghal perjodu ta' hames snin bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghall-protezzjoni tal-vittma u dan billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-hatja milli javvicinaw, jikkuntattjaw, jimmolestaw jew b'xi mod iehor isegwu l-movimenti tal-vittma.

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata

thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar it-3 ta' Gunju 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**